***Worksheet* Ċ6.1.1**
Nidentifikaw xi karatteristiċi ewlenin li jsawru l-wirt kulturali Malti.

**A: Agħmel sinjal taħt it-tajba.**

1. Il-Lingwa Maltija hija Semitika għax:
   (a) hija nofsha Għarbija u nofsha ġejja mit-Taljan.
   (b) imnissla mil-lingwa Għarbija.
   (c) tintuża mill-Maltin kollha.
2. Il-Lingwa Maltija fiha ħafna kliem ġej mil-lingwi Ewropej, l-iktar:
   (a) mir-Russu.
   (b) dawk li ġejjin mil-Latin.
   (c) mill-Grieg.
3. Malta għandha żewġ lingwi uffiċjali; dawn huma:
   (a) il-Malti u l-Ingliż.
   (b) il-Malti u t-Taljan.
   (c) il-Malti u l-Franċiż.
4. L-ismijiet Malta, Għawdex u Kemmuna huma ismijiet:
   (a) Semitiċi.
   (b) Latini.
   (c) Irlandiżi.
5. Il-kelma 'football' ġejja mil-Lingwa:
   (a) Ingliża.
   (b) Ġermaniża.
   (c) Għarbija.
6. Il-kelma 'kaċċa' ġejja mill-kelma *caccia*, li hija kelma
   (a) Ingliża.
   (b) Franċiża.
   (c) Taljana.

**B: Wieġeb**.

1. X’kuluri fiha l-bandiera Maltija?



2. Liema kulur ikun hemm in-naħa tal-arblu?

3. X’tissejjaħ il-midalja li nsibu fir-rokna tal-bandiera n-naħa tal-arblu?

4. Fiex tfakkarna din il-midalja?

**Ċ: Wieġeb billi tagħmel sinjal taħt it-tajba jew timla l-vojt**.

1. Fl-istampa tal-lemin jidher il-poeta nazzjonali Malti. X’jismu l-poeta?



2. Dan il-poeta kiteb (il-versi, il-mużika) tal-Innu Malti.
3. Ikteb l-ewwel erba’ kelmiet tal-Innu Malti.

4. Fit-tieni stampa tidher bolla illi ħarġet biex tfakkar it-twelid ta’ Dr Robert Samut. X’għandu x’jaqsam Dr Robert Samut mal-Innu Malti?




5. Semmi żewġ okkażjonijiet meta jindaqq l-Innu Malti:

   (a)______________________

   (b)______________________

6. Għall-interess tagħna: L-Innu Malti nkiteb għall-ħabta tal-1922 u ndaqq l-ewwel darba fit-3 ta’ Frar 1923 fit-Teatru Manoel, f’kunċert imtella’ mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

**D: Għall-interss tagħna:**

**Kif nistgħu niddeskrivu l-Arma ta' Malta?**




- Hija magħmula minn tarka. bil-kuluri tal-Bandiera Nazzjonali.
- Fuq it-tarka tidher kuruna tad-deheb.
- Madwar it-tarka hemm girlanda magħmula minn żewġ fergħat: fergħa taż-żebbuġ u oħra tal-palm. Dawn il-friegħi huma simbolu tal-paċi.
- In-naħa t'isfel hemm miktub: REPUBBLIKA TA' MALTA.

**E: Liema minn dawn għandhom x'jaqsmu mal-festa tar-raħal? Ikteb ✓ jew ✗:**

1. bnadar mal-arbli ________________
2. karozzi fil-pjazza tar-raħal ________________
3. jarma l-monti fil-pjazza ________________
4. bandalori fit-toroq ________________
5. pavaljuni mdendlin ________________
6. il-knisja tixgħel minn barra ________________
7. il-knisja armata bid-damask ________________
8. nilbsu l-maskri tal-karnival ________________
9. il-qniepen idoqqu iktar mis-soltu ________________
10. il-murtali tal-kulur ________________
11. nieklu l-figolli ________________
12. il-liedna mdendla mat-toroq ________________
13. il-baned idoqqu l-marċi ________________
14. tal-qubbajd jarma l-mejda ________________
15. il-banda ddoqq fuq il-planċier ________________
16. tlielaq tal-karozzi ________________



**F: Semmi żewġ modi kif il-festa tar-raħal tista' sservi ta' ġid għall-komunità.**

(a) ________________________________________________

(b) ________________________________________________

**Ġ: Ikteb l-isem tal-festa maġenb kull frażi jew sentenza**. Agħżel minn: IL-MILIED, IL-KARNIVAL, IL-ĠIMGĦA L-KBIRA, L-GĦID IL-KBIR, L-IMNARJA, L-ISTRINA.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Nhar il-festa filgħodu ssir purċissjoni mill-Katidral tal-Imdina sal-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. | |
| 2 | It-tfal tal-MUSEUM jagħmlu purċissjoni bil-Bambin. | |
| 3 | Isiru wirjiet bil-Mejda tal-Appostli. | |
| 4 | Isiru tiġrijiet tal-bhejjem taħt it-telgħa tas-Saqqajja fir-Rabat. | |
| 5 | Nilbsu ta' maskarati. | |
| 6 | San Ġorġ Preca beda l-ewwel purċissjoni bil-Bambin fil-Ħamrun fl-1921. | |
| 7 | Nieklu l-figolli. | |
| 8 | Isiru purċissjonijiet bil-vari tal-passjoni. | |
| 9 | Narmaw il-presepji. | |
| 10 | Bħala tradizzjoni nsajru ɨd-dundjan għal dil-festa. | |
| 11 | L-Insara jattendu l-Quddiesa ta' Nofsillejl. | |
| 12 | Nieklu l-prinjolata. | |
| 13 | Jiġru bil-vara ta' Kristu Rxoxt. | |
| 14 | Il-festa tal-Ewwel tas-Sena | |
| 15 | Nisimgħu l-prietka tat-tifel. | |
| 16 | Immorru l-Belt biex naraw il-karrijiet. | |
| 17 | Immorru nisimgħu l-għana fil-Buskett. | |
| 18 | Il-jumejn ta' qabel Ras ir-Randan | |
| 19 | Issir il-wirja tal-frott, ħxejjex u annimali fil-Buskett. | |
| 20 | Il-festa ta' San Pietru u San Pawl | |
| 21 | Wara din il-festa jsir it-tberik tad-djar. | |
| 22 | Il-25 ta' Diċembru | |

**G: Imla l-vojt bil-kliem mogħti**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Diċembru | Ingliżi | il-Ħelsien | nazzjonali |
| il-Vitorja | Is-Sette Giugno | il-President | l-Indipendenza |

1. Nhar il-21 ta' Settembru 1964 Malta ma baqgħetx kolonja tal-Ingilterra għax ħadet ________________________ .
2. Malta saret Repubblika nhar it-13 ta' ________________________ 1974 .
3. Meta Malta saret Repubblika, il-kap tal-Istat sar ________________________ .
4. L-aħħar suldati ________________________ telqu minn Malta nhar il-31 ta' Marzu 1979. Dan il-jum bqajna niċċelebrawh bħala Jum ________________________ .
5. Fis-7 ta' Ġunju 1919 nqala' nkwiet kbir fil-Belt Valletta u mietu xi nies. Dan il-jum huwa magħruf bħala ________________________ .
6. Fit-8 ta' Settembru niċċelebraw Jum ________________ . F'dan il-jum issir it-tifkira taż-żewġ assedji.
7. Hawn fuq semmejna l-ħames festi ________________________ .

**GĦ: Ikteb l-isem tal-jum nazzjonali taħt kull monument jew tifkira**.











13 TA' DIĊEMBRU 1974
MALTA KBURIJA
LI L-PARLAMENT TAGĦHA
B' MAĠĠORANZA KBIRA
IDDIKJARAHA
REPUBBLIKA
L-AQWA ĠIEĦ LI KISBET
GĦALL-EWWEL DARBA
FIL-ĠRAJJA TAGĦHA